**Emenda 155**
**Sabine Wils**
f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0367/2011**
**Debora Serracchiani**
Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Talbiet li jsiru minn impriżi ferrovjarji għall-aċċess għall-faċilità tas-servizz jistgħu jiġu miċħuda biss jekk jeżistu alternattivi vijabbli li jippermettulhom iħaddmu s-servizz tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri kkonċernat fuq l-istess rotta b'kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli. Huwa ***l-operatur tal-faċilità tas-servizz*** li jrid iġorr il-piż li tiġi ppruvata l-eżistenza ta' alternattiva vijabbli. | Talbiet li jsiru minn impriżi ferrovjarji għall-aċċess għall-faċilità tas-servizz jistgħu jiġu miċħuda biss jekk jeżistu alternattivi vijabbli li jippermettulhom iħaddmu s-servizz tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri kkonċernat fuq l-istess rotta b'kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli. Huwa ***l-korp regolatorju*** li jrid iġorr il-piż li tiġi ppruvata l-eżistenza ta' alternattiva vijabbli ***u b'hekk jevita t-tilwim u d-dewmien***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'każ li l-operatur ferrovjarju li jimmaniġġja l-faċilitajiet tas-servizz mitluba jiċħad l-aċċess, huwa l-korp regolatorju li jrid iġorr il-piż li jsib u jissuġġerixxi li jintużaw rotot alternattivi li huma ekonomikament vijabbli.*

9.11.2011 A7-0367/156

**Emenda 156**
**Sabine Wils**
f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0367/2011**
**Debora Serracchiani**
Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn l-operatur tal-faċilità tas-servizz jiltaqa' ma' kunflitti bejn talbiet differenti, huwa għandu jipprova jqabbel flimkien it-talbiet kollha bl-aqwa mod possibbli. Jekk ma jkun hemm l-ebda alternattiva vijabbli disponibbli, u wieħed ma jkunx jista' jakkomoda t-talbiet kollha għall-kapaċità tal-faċilità rilevanti abbażi tal-ħtiġijiet murija, il-korp regolatorju msemmi fl-Artikolu 55 għandu***, fuq inizjattiva tiegħu stess jew*** abbażi ta' lment, jieħu azzjoni xierqa ***biex jiżgura li parti xierqa mill-kapaċità tkun iddedikata lil impriżi ferrovjarji oħrajn li ma jagħmlux parti mill-korp jew ditta li jkun jagħmel parti minnha l-operatur tal-faċilità***. Madankollu faċilitajiet ta' manutenzjoni u faċilitajiet tekniċi oħra ***mibnija ġodda*** li huma żviluppati għal rolling stock speċifiku ġdid jistgħu jiġu rriservati għall-użu ta' impriża ferrovjarja waħda għal ***ħames snin*** mill-bidu tat-tħaddim tagħhom. | Fejn l-operatur tal-faċilità tas-servizz jiltaqa' ma' kunflitti bejn talbiet differenti, huwa għandu jipprova jqabbel flimkien it-talbiet kollha bl-aqwa mod possibbli. Jekk ma jkun hemm l-ebda alternattiva vijabbli disponibbli, u wieħed ma jkunx jista' jakkomoda t-talbiet kollha għall-kapaċità tal-faċilità rilevanti abbażi tal-ħtiġijiet murija, il-korp regolatorju msemmi fl-Artikolu 55 għandu, abbażi ta' lment, jieħu azzjoni xierqa. Madankollu faċilitajiet ta' manutenzjoni u faċilitajiet tekniċi oħra li huma żviluppati għal rolling stock speċifiku ġdid ***kif inkluż f'kuntratt ta' servizz pubbliku skont ir-Regolament (KE) 1370/2007*** jistgħu jiġu rriservati ***għall-operatur ferrovjarju kontraenti għat-tul tal-kuntratt. F'każi oħra dawn il-faċilitajiet jistgħu jiġu rriservati*** għall-użu ta' impriża ferrovjarja waħda għal ***għaxar snin*** mill-bidu tat-tħaddim tagħhom. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-azzjoni li tittieħed eventwalment mill-korp regolatorju għandha tirrispetta l-qafas tal-ħin u r-riżorsi umani disponibbli fil-faċilità mitluba.*

9.11.2011 A7-0367/157

**Emenda 157**
**Sabine Wils**
f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0367/2011**
**Debora Serracchiani**
Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Fejn il-faċilità tas-servizz ma tkunx intużat għal tal-inqas sentejn konsekuttivi, il-proprjetarju tagħha għandu jirriklama t-tħaddim tagħha bħala wieħed li qiegħed għall-kiri.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan mhuwiex importanti f'rabta mad-dispożizzjonijiet kollha li jagħtu d-dritt ta' aċċess għall-faċilitajiet ferrovjarji.*

9.11.2011 A7-0367/158

**Emenda 158**
**Sabine Wils**
f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0367/2011**
**Debora Serracchiani**
Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Il-punt 1 tal-Anness VIII jista' jiġi emendat fid-dawl tal-esperjenza, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 60.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-element essenzjali ma jaqax taħt il-proċedura tal-atti delegati.*

9.11.2011 A7-0367/159

**Emenda 159**
**Sabine Wils**
f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0367/2011**
**Debora Serracchiani**
Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-punt 2 tal-Anness VIII jista' jiġi emendat fid-dawl tal-esperjenza, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 60, b'mod partikolari biex ikunu speċifikati l-elementi ta' imposti ddivrenzjati tal-infrastruttura.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-element essenzjali ma jaqax taħt il-proċedura tal-atti delegati.*

9.11.2011 A7-0367/160

**Emenda 160**
**Sabine Wils**
f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0367/2011**
**Debora Serracchiani**
Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 56 – paragrafu 8 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa li jwettaq verifiki jew li jibda verifiki esterni mal-maniġers tal-infrastruttura u, fejn huwa rilevanti, mal-impriżi ferrovjarji, biex jivverifika l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni tal-kontijiet stipulati fl-Artikolu 6.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa barra mill-ambitu ta' korp regolatorju li jwettaq verifiki ġenerali fuq l-attivitajiet kollha tal-maniġer tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji, filwaqt li l-korp r-regolatorju għandu jsolvi tilwim possibbli, l-awtoritajiet parlamentari kompetenti għandhom il-kompitu li jivvalutaw l-implimentazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva li trasponew fil-qafas leġiżlattiv tagħhom.*

**Emenda 161**
**Sabine Wils**
f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0367/2011**
**Debora Serracchiani**
Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 56 – paragrafu 8 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Anness X jista' jiġi emendat meta jkun meħtieġ, fid-dawl tal-esperjenza, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 60.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-element essenzjali ma jaqax taħt il-proċedura tal-atti delegati.*